IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.3.2013
COM(2013) 145 final

2011/0268 (COD)

Proposta għal

emenda għall-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 607 /F2 għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006

2011/0268 (COD)

Proposta għal

emenda għall-Proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 607 /F2 għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 607 finali/2 – hija emendata kif ġej:

(1) tiżdied il-premessa segwenti (6 bis):

'(6 bis) Fid-dawl tal-bżonn persistenti li jsir sforz biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ fir-reġjuni l-iktar affettwati tal-Unjoni, għandha tiġi mnedija Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ (YEI – Youth Employment Initiative). Din għandha tappoġġja liż-żgħażagħ li m'għandhomx impjieg, u m'humiex għaddejjin b'xi edukazzjoni jew taħriġ (NEET – not in employment, education or training) f'dawk ir-reġjuni, li huma qgħeda jew inattivi, billi jiġi msaħħaħ u aċċellerat t-twettiq ta' attivitajiet appoġġjati minn fondi tal-FSE. Fondi addizzjonali għandhom jingħataw speċifikament lill-YEI flimkien ma' investiment tal-istess ammont mill-FSE. Billi jiġu mmirati persuni individwali minflok strutturi, il-YEI għandu jimmira li jikkumplimenta azzjonijiet oħra tal-ESF u nazzjonali li jimmiraw iż-żgħażagħ NEET bl-għan li tiġi implimentata l-Garanzija għaż-Żgħażagħ[1].'

(2) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

'Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-missjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), inkluża l-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ, l-ambitu tal-assistenza tagħha, dispożizzjonijiet speċifiċi u t-tipi ta' nfieq eliġibbli għall-għajnuna.'

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1(a)(ii) jinbidel b'dan li ġej:

'(ii) L-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ (fl-età ta' bejn il-15 u l-24) li ma jkunux f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, partikolarment fil-kuntest tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;'

(4) L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

[1] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-Twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, XXX

'Artikolu 5
Indikaturi

1. Għandhom jintużaw indikaturi komuni kif stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u indikaturi speċifiċi għal kull programm skont l-Artikoli 24(3) u 87(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE) Nru […]. L-indikaturi kollha għandhom jiġu espressi f'numri assoluti.

   L-indikaturi tal-produzzjoni komuni u dawk speċifiċi għal kull programm jirrigwardaw l-operazzjonijiet implimentati parzjalment jew kompletament. Fejn rilevanti għan-natura tal-operazzjonijiet appoġġati, il-valuri ta' mira kwantifikati kumulattivi għandhom jiġu stabbiliti għall-2022. L-indikaturi ta' referenza għandhom jiġu ffissati għal żero.

   L-indikaturi tar-riżultati komuni u dawk speċifiċi għal kull programm jirrigwardaw l-assi prijoritarju. L-indikaturi ta' referenza għandhom jużaw id-dejta l-aktar reċenti disponibbli. Il-valuri ta' mira kwantifikati kumulattivi għandhom jiġu stabbiliti għall-2022.

1 bis. Barra mill-paragrafu 1, l-indikaturi kif stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom jintużaw għall-operazzjonijiet kollha appoġġati taħt il-prijorità ta' investiment li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3(1)(a)(ii). L-indikaturi kollha stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament għandhom jiġu marbuta ma' valur ta' mira kumulattiva kwantifikata għall-2022 u linja ta' referenza.

2. Fl-istess żmien tar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali, l-awtorità maniġerjali għandha tittrażmetti dejta strutturata b'mod elettroniku għal kull prijorità ta' investiment. Id-dejta għandha tkopri l-kategorizzazzjoni u l-indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultati.'

(5) jiżdied il-Kapitolu III bis segwenti:

'Kapitolu III bis

Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ

Artikolu 15 i
L-għan tal-Inizzjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ

L-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ għandha ssostni l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ fir-reġjuni eliġibbli tal-Unjoni, kif jissemma fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru [CPR] permezz ta' appoġġ għall-azzjonijiet taħt l-Artikolu 3 (1) (a) (ii) għal dan ir-Regolament. Din għandha timmira ż-żgħażagħ kollha (fl-età ta bejn il-15 u l-24) li ma jkunux f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, li jirrissjedu fir-reġjuni eliġibbli, li huma inattivi jew qiegħda (inkluż dawk li jkunu ilhom qiegħda), u reġistrati jew le li qegħdin ifittxu x-xogħol.

Bi ftehim mal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jiddeċidi li jalloka ammont limitat li ma jaqbiżx l-10 % tal-fondi taħt il-YEI għaż-żgħażagħ residenti f'sotto-reġjuni li jesperjenzaw livelli għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ u li huma barra mir-reġjuni eliġibbli tan-NUTS 2.

Artikolu 15ii

Konċentrazzjoni tematika

L-allokazzjoni speċifika għall-YEI m'għandhiex tiġi ikkunsidrata għall-iskop tal-kalkulazzjoni tal-konċentrazzjoni tematika li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4.

Artikolu 15 iii

Programmar

L-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ hija integrata fil-programmar tal-FSE taħt l-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru [CPR]. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jistipulaw l-arranġamenti tal-ipprogrammar għall-YEI fil-ftehim ta' sħubija u fil-programm Operazzjonali.

L-arranġamenti jistgħu jieħdu waħda jew iktar mill-forom segwenti:

(a) programm operazzjonali dedikat

(b) assi ta' prijorità dedikat fi ħdan il-programm operazzjonali;

(c) parti minn assi ta' prijorità.

Artikolu 15iv

Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Barra mid-dispożizzjonijiet magħmula fl-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru [CPR], minn tal-inqas wieħed għal kull sena, il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ fil-kuntest tal-programm u l-progress lejn il-kisba tal-għanijiet tagħha.

2. Ir-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni u r-rapport finali kif jissemmew fl-Artikolu 44(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru [CPR] għandu jinkludi informazzjoni addizzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ.

3. Fl-istess waqt tar-rapport annwali ta' implimentazzjoni li jissemma fl-Artikolu 44(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru [CPR], l-awtorità maniġerjali għandha tittrażmetti dejta elettronikament strutturata għal kull assi prijoritarju jew parti tagħhom li jappoġġaw l-Inizzjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ. Id-dejta trażmessa għandha tirrelata ma' valuri għall-indikaturi stipulati fl-Anness 1 u 2 ta' dan ir-Regolament u, fejn applikabbli, ma' indikaturi speċifiċi għall-programm. Dawn għandhom jirrelataw ma' operazzjonijiet parzjalment jew kompletament implimentati.

4. Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru [CPR] u r-rapport finali għandhom jippreżentaw is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjonijiet li jissemmew fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu li

jivvalutaw l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ.

5. Ir-rapporti ta' progress kif jissemmew fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru [CPR] għandhom jinkludu informazzjoni addizzjonali dwar u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ.

6. Minn tal-inqas darbtejn waqt il-perjodu ta' programmazzjoni, evalwazzjoni għandha tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tal-appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew u l-allokazzjoni speċifika għall-YEI u l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

Artikolu 15 v
Miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità

1. Il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li dawk li jieħdu sehem f'operazzjoni jkunu informati speċifikament dwar l-appoġġ tal-YEI.

2. Kwalunkwe dokument, inkluż attendenza jew ċertifikat ieħor, li jikkonċerna tali operazzjoni għandu jinkludi dikjarazzjoni li turi li l-operazzjoni kienet appoġġata taħt il-YEI.

Artikolu 15 vi
Assistenza teknika

L-allokazzjoni speċifika għall-YEI tista' tiġi ikkunsidrata mill-Istat Membru fil-kalkulazzjoni tal-limitu għall-ammont totali tal-Fondi allokati għall-assistenza teknika tal-Istat Membru.

Artikolu 15 vii
Appoġġ finanzjarju

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm operazzjonali għandha tiffissa l-ammont massimu ta' appoġġ mill-FSE u mill-allokazzjoni speċifika għall-YEI għal kull assi ta' prijorità. Il-FSE għandu tal-inqas jilħaq l-appoġġ mill-allokazzjoni speċifika għall-YEI għal kull assi ta' prijorità.

4. Abbażi tal-ammonti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha wkoll tiffissa l-proporzjon bejn il-FSE u l-allokazzjoni speċifika għall-YEI.

5. Fejn il-YEI jkun implimentat permezz ta' assi prijoritarju speċifiku li jkopri reġjuni eliġibbli minn iktar minn kategorija waħda, l-għola rata ta' kofinanzjament għandha tapplika fir-rigward tal-allokazzjoni tal-FSE.

L-allokazzjoni speċifika għall-YEI m'għandhiex tkun soġġetta għar-rekwiżit nazzjonali tal-kofinanzjament.

Ir-rata globali tal-kofinanzjament tal-assi ta' prijorità ffissati permezz tad-deċiżjoni

tal-Kummissjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat billi tiġi kkunsidrata r-rata ta' kofinanzjament tal-allokazzjoni tal-FSE flimkien mal-allokazzjoni speċjali għall-inizjattiva.’

Artikolu 15 viii
Ġestjoni finanzjarju

Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) Nru [CPR], meta l-Kummissjoni tirrimborża pagamenti interim u tħallas il-bilanċ finali għall-Inizjattiva favur l-Impjiegi għaż-Żgħażagħ permezz tal-assi prijoritarju, din għandha talloka r-rimborż mill-baġit tal-Unjoni bejn il-FSE u l-allokazzjoni speċifika għall-YEI skont il-proporzjon stpulat fl-Artikolu 15 vii (2)’

(6) jiżdied l-Anness II segwenti:

'Anness II
Indikaturi għall-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ (YEI – Youth Employment Initiative)

Id-dejta għall-indikaturi kollha stipulati f'dan l-Anness għandha tiġi pprovduta fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni li tissemma fl-Artikolu 44(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru [CPR]. Id-dejta kollha għandha titqassam skont is-sess.

L-indikaturi immedjati tar-riżultati segwenti għandhom japplikaw:

- Parteċipanti qegħda li jirċievu offerta ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprentistat jew skema ta' taħriġ fi żmien 4 xhur wara li jingħaqdu mal-operazzjoni tal-YEI*;
- Parteċipanti li ilhom qegħda li jirċievu offerta ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprentistat jew skema ta' taħriġ fi żmien 4 xhur wara li jingħaqdu mal-operazzjoni tal-YEI*;
- Parteċipanti inattivi li ma jkunux f'impjieg jew taħriġ li jirċievu offerta ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprentistat jew skema ta' taħriġ fi żmien 4 xhur wara li jingħaqdu mal-operazzjoni tal-YEI*.

L-indikaturi fuq terminu twil tar-riżultati segwenti għandhom japplikaw:

- Parteċipanti f'edukazzjoni kontinwa, programmi ta' taħriġ li jwasslu għal kwalifika, apprentistat jew skema ta' taħriġ 6 xhur wara t-tluq*.

Permezz ta' deroga għall-Anness I, id-dejta għall-indikaturi fuq terminu twil tar-riżultati segwenti għandha tiġi rapportata fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 44 (1) u (2)

- Parteċipanti li sabu impjieg 6 xhur wara li telqu*;
- Parteċipanti li sabu impjieg għal rashom 6 xhur wara li telqu*.'